Avviż Numru CCT 227/11

**Stanley Cauchi**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u għaxar ewro (€210), rappreżentanti prezz ta' biljetti għal Malta Eurovision Song Contest 2011, li minħabba fejn kienu bilqiegħda, ma setgħux jaraw il-palk sewwa minħabba l-apparat tad-dawl.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw il-biljetti sabiex jaraw il-Malta Eurovision Song Contest 2011, fit-12 ta' Frar 2011, u li dawn kienu bilqiegħda fil-gallarija Row B. Illi fil-pożizzjoni li kienu bilqiegħda, quddiemhom kien hemm l-apparat tad-dawl illi ma setgħux jaraw il-palk tajjeb.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li ħadd mir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata ma ġew mitkellma waqt is-serata.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkunsidra illi meta persuna jaqta' biljett huwa ġust illi jkun jista' jara s-serata għalxiex ħallas għaliha. Illi jekk kien hemm xi affarijiet li kienu qed itellfu lir-rikorrenti, allura dawk il-biljetti ma jmisshomx inbiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte minħabba l-fatt illi r-rikorrenti xorta kienu raw u semgħu s-serata, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**